PAUL BARTOLO

# IL-ĦOBŻ TAL-MALTIN . . . U L-KUMMERĊ ĦIELES LI RIEDU L-INGLIŻI (1812-38)

*Il-ħobs ilu għal żmien twil id-dieta prinċipali tal-massa ta' Maltin; hekk ukoll għadu llum kif wera biżżejjed l-istrajk tal-furnara ftit xhur ilu. F'dan l-istudju meħud mit-teżi tiegħu dwar* British Colonial Fiscal Policy in Malta, 1812-1838, PAUL BARTOLO* *jitfa dawl importanti fuq il-problema tal-qamħ u tal-għajxien f'Malta sew minħabba l-iskarsezza lokali tal-qamħ kif ukoll minħabba r-relazzjoniijet bejn il-bdiewa, in-negozjanti u l-gvern, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' politika fiskali u kummerċjali.*

Il-ħobż Malti ilu żmien twil jintgħaġen fil-biċċa l-kbira tiegħu minn qamħ barrani. Sa minn qabel ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530 meta Malta ma kenitx iffullata bin-nies bħal-lum (kien hawn mal-20,000 ruħ), il-Maltin ma kenux ikabbru qamħ biżżejjed biex jitimgħu lil kulħadd. U billi l-ħobż minn dejjem kien essenzjali għall-għijxien tal-Maltin, il-gvern lokali ta' dak iż-żmien, magħruf bħala l-Università, kien ħa f'idejh għal kollox l-importazzjoni tal-qamħ: hekk il-poplu kien żgurat li f'Malta ma jkunx hawn nuqqas ta' dqiq, u li dan jinbiegħ bi prezz moderat.[1]

Il-Kavallieri għoġbithom dis-sistema: biss il-monopolju tal-qamħ tawh f'idejn l-Università ġdida, immexxija minn bord ta' erba' Maltin fil-Belt Valletta, minflok dik ta' l-Imdina. Għad li legalment din kienet kumpannija indipendenti mill-gvern, il-Granmastru kellu kontroll fuq it-tmexxija tagħha.[2] Il-Granmastru Pintu (1741-72), ngħidu aħna, daħba

* *PAUL BARTOLO, li għadu kif spiċċa l-kors tal-għalliema gradwati, fl-1975 kiseb First Class fil-B.A. (Hons); huwa għamel sena jgħallem l-Istorja u l-Ekonomija f'De La Salle College u bħalissa qiegħed iħejji teżi għall-M.A. dwar il-finanzi tal-gvern fil-bidu ta' dan is-seklu.*

kien ordna l-**Università** tbiegħ il-qamħ b'telf ta' 70% biex il-poplu ma jgergirx.[3] Il-prinċipju ta' dis-sistema kien li prezz tal-ħobż jinżamm bejn wieħed u ieħor dejjem l-istess: meta l-prezzijiet tal-qamħ barra jogħlew, l-**Università** kienet tbiegħ bit-telf, imma kienet tpatti għalih meta dawn jinżlu. Dan sar wieħed mill-iktar servizzi importanti li l-gvern kien jagħti lill-poplu.[4]

**L-Università** kienet ukoll tikkontrolla l-prezzijiet billi toħroġ il-mieta (jew **mèta**) — prezz fiss għal kull oġġett. Il-Granmastru De Rohan fl-1779 kien neħħa l-mieta minn fuq l-oġġetti importati, barra l-qamħ u t-tabakk, biex forsi n-neguzjanti jġibu kwantità ikbar. Imma l-mieta fuq l-oġġetti kollha ta' l-ikel, ta' barra u ta' Malta, reġa' daħħalha Granmastru Hompesch, inqas minn għoxrin sena wara.[5]

***Konflitti ta' opinjoni u interessi bejn il-Maltin u l-Ingliżi:***

Meta Malta ġiet f'idejn l-Ingliżi fl-1800, dis-sistema ta' kontroll m'għoġbithomx għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett għax f'dak iż-żmien l-Ingliżi kienu influwenzati ħafna mill-ktiba ta' Adam Smith (**Wealth of Nations**, 1776) dwar il-benefiċċji tal-**kummerċ ħieles** u tal-**kompetizzjoni**. Infatti wieħed jista' jinnota kif il-prinċipji ta' Smith huma espressi fl-introduzzjoni tal-proklamazzjoni tal-25 ta' Frar, 1828, li biha l-Ingliżi neħħew minn Malta l-mieta tal-ħobż:

> "His Excellency being persuaded that no measure is better calculated to ensure an abundant supply of provisions of superior quality and at cheap rates, than the removal of all restrictive regulations having the least tendency to the discouragement of competition in the market... all persons may lawfully buy or sell bread at such price as may be agreed upon between the Buyer and Seller..."

Għalhekk il-kwestjoni tat-tneħħija tal-kontroll minn fuq l-importazzjoni tal-qamħ, kif se naraw, hija biss parti mill-konflitt soċjali-ekonomiku bejn il-Maltin u l-Ingliżi. Fit-tradizzjoni 'paternalista' tal-Maltin, il-gvern kien mistenni jindaħal f'kull ħaġa li tmiss il-poplu: il-kwalità u l-prezz tal-ħobż, provediment tal-ilma, xogħlijiet pubbliċi, sptarijiet, karità, edukazzjoni u l-bqija kienu kollha kkontrollati mill-Kavallieri. L-Ingliżi lmentaw li "the people have come to depend on government for all their wants."[6]

Min-naħa l-oħra, l-Ingliżi riedu jimponu f'Malta s-siste-

ma tagħhom ta' **laissez-faire** — li mhux il-gvern imma persuni oħra għal rashom jaħsbu għall-bżonnijiet ta-ikel, industriji, edukazzjoni u l-bqija.[7] Per eżempju, Sir Thomas Maitland, l-ewwel Governatur Ingliż ta' Malta (1813-24), kiteb Londra li Malta kien hawn nies iktar milli tiflaħ il-gżira għax il-gvern kien jissussidja l-qamħ.[6*] Din kienet ideja żbaljata, għax il-Maltin kienu jaqilgħu ħobżhom billi jiddefendu l-Ewropa jew l-imperu Ingliż u billi jesportaw il-qoton li sa l-1800 kien jagħtihom iżjed qliegħ milli kieku jkabbru l-qamħ. Imma l-attitudni ta' Maitland turi biċ-ċar kif il-Gvern Kolonjali ma setax iħares bl-istess nuċċali tal-Maltin lejn il-problemi ekonomiċi u soċjali tal-gżira tagħna.

L-istess Maitland ikkundanna l-monopolju tal-qamħ per prinċipju:

"The first argument, and certainly a very strong one against this [corn] monopoly is first the general argument against all monopolies..."[6]

Għalhekk, kif spjega it-Teżor Ingliż fl-1838, Londra xtaqe li f'Malta:

"the inhabitants should be induced to rely, like those of other British Colonial Possessions, entirely on their own resources and foresight, and on the operations of trade for that supply."[8]

Ma' dal-konflitt ta 'opinjoni bejn il-Maltin u l-Ingliżi kien hemm ukoll konflitt aktar importanti ta' **interessi**. Il-Gvern Kolonjali ma riedx jidħol għar-responsabiltà li jżomm il-prezz tal-ħobż baxx u li jolħoq xogħol għal kulħadd kif xtaqu l-Maltin għax dan seta' jnissel dejn publiku konsiderevoli.[5] Barra dan fil-każ partikolari tal-qamħ jidher konflitt ċar, li rawh ukoll l-Ingliżi, bejn l-interessi tal-poplu Malti u ta' dawk il-'ftit' neguzjanti Ingliżi li riedu jispekulaw fil-kummerċ f'Malta u fil-Mediterran biex jagħmlu qliegħ kbir ħafna.[9]

F'dan l-artiklu se naraw kif u għaliex f'inqas minn erbgħin sena, sa l-1836 in-neguzjanti Ingliżi rnexxielhom jeqirdu minn Malta kull kontroll tal-gvern fuq l-importazzjoni tal-qamħ.

## *Il-qagħda tal-Maltin rigward il-qamħ:*

Tajjeb naraw l-ewwel x'kienet is-sitwazzjoni eżatta tal-Maltin rigward il-qamħ. Skond kalkoli magħtija minn osservaturi Ingliżi u oħrajn, fid-dħul tas-seklu dsatax, madwar żewġ terzi ta' l-ikel tal-Maltin — li kienu jgħoddu minn

* Innota li meta r-riferenza tkun diġà ġiet ikkwotata issibha indikata taħt l-istess numru.

100,000 sa 120,000 ruħ — kien jiġi minn barra.[10]

L-iktar stima tajba dwar il-konsum ta' qamħ f'Malta bejn l-1828 u l-1835 jagħtihielna G. Ward, li kien Supretendent tal-amministrazzjoni tal-qamħ tal-gvern, kif tidher f'Tabella 1.

**Tabella 1**

MEDJA TAL-KONSUM ANNWALI TA' QAMĦ F'MALTA BEJN L-1828 U L-1835[11]

(Bis-salma = mal-470 libbra)

| | Importat | Ta' Malta* | Total |
|---|---|---|---|
| Qamħ | 62,857† | 13,421 | 76,278 |
| Xgħir u qmuħ oħra nferjuri | 11,245 | 13,599 | 24,844 |
| Maħlut (xgħir u qamħ) | — | 22,223 | 22,223 |
| Total | 74,102 | 49,243 | 123,345 |

* Bejn wieħed u ieħor.
† Jinkludu xi 5,000 salma għas-Servizzi Ingliżi.

Din turi li 82% tal-qamħ użat f'Malta kien impurtat waqt li jekk tqis kull xorta ta' qamħ u xhir użat mill-Maltin 60% kien barrani f'dan iż-żmien.

Mnejn kien jinġieb dal-qamħ? Taħt il-Kavallieri l-aktar minn Sqallija.[12] Fi żmien l-Ingliżi mbagħad l-biċċa l-kbira kien jinġieb min-nofs in-nhar tar-Russja (madwar il-Baħar l-Iswed) kif ukoll mill-Eġittu u xi ftit mill-Afrika ta' Fuq.[13] Bejn l-1822 u l-1832 il-qamħ Eġizzjan kien jammonta għal kważi 30% tal-qamħ barrani mikul f'Malta.[14] Imma dan kien l-iktar qamħ irħis għax kien l-agħar kwalità tal-Mediterran: infatti Maitland ried ibiegħu 'l fqar fl-1820 bħala:

> "a cheap and wholesome food... to the poorer classes... who have hitherto been accustomed to eat barley and other inferior kinds of grain"[15]

Billi Malta kienet toqgħod tant fuq l-importazzjoni għall-ikel ewlieni tal-poplu, il-gvern ried joqgħod attent li l-importazzjoni qatt ma tonqos (niftakru li qabel l-1830 kien għad anqas hawn vapuri jaħdmu bl-isteam) u li n-negozjanti — li kienu ftit — ma jingħaqdux flimkien biex jgħollu l-prezz iktar milli jkun hemm bżonn.[16]

Għalhekk ġara li l-osservaturi u amministraturi Ingliżi, fil-waqt li kkundannaw **fil-prinċiplu** l-monopolji tal-gvern

fuq l-importazzjoni tal-qamħ, fil-prattika kollha kienu jaqblu li din is-sistema kienet qed taħdem tajjeb hawn Malta. Il-kummissarji tal-1812, ngħidu aħna, fil-waqt li qalu li s-sistema kienet

> "designated by the odious name of monopoly"

ammettaw li

> "here for a considerable number of years it [the corn monopoly] appears to have answered the two great political needs of bettering the conditions of the poor, and of procuring an increase of revenue." [17]

Il-kummissarji hawnhekk qiesu żewġ vantaġġi tal-monopolju:

(a) li l-prezz tal-qamħ seta' jinżamm moderat dejjem b'ġid kbir għall-fqar li kienu ħafna

(b) li bil-monopolju, meta l-prezz tal-qamħ barrani kien jorħos ħafna, il-gvern seta' jagħmel profitti kbar biex ikun jista' jlaħħaq ma' l-ispejjeż tal-amministrazzjoni — vantaġġ li bdew jagħmlu użu regulari minnu l-Ingliżi u li meta tneħħa l-monopolju fl-1822, żviluppa fit-taxxa fuq il-qamħ.

Barra dan, il-poplu Malti kien dara b'din is-sistema ta' prezz stabbli għall-ikel ewlieni tiegħu. Maitland qal li l-Maltin kienu "highly alive" għal dak li kien jiġri dwar i-qamħ, u kien jibża' li jekk jitneħħa l-monopolju "an alarm would be general among the people". [18]

Għalhekk il-gvernaturi Maitland, Hastings (1824-26) u Ponsonby (1827-35), u Hankey is-Segretarju prinċipali (1821-38) kollha qiesu li jeħtieġ jinżamm xi kontroll fuq l-importazzjoni tal-qamħ. Imma dawn, kif se naraw, kellhom jikkumbattu mal-**Colonial Office** f'Londra għax, barra li dan kien favur il-kummerċ ħieles, Londra kienu dejjem jaslu l-ilmenti tan-neguzjanti Ingliżi f'Malta.

***Il-Monopolju Jitneħħa fl-1822:***

Maitland, mill-esperjenza ta' l-Ingliżi bejn l-1800 u l-1812, kien iqis li, mħabba l-monopolju, il-qamħ kien jinġieb Malta bi prezz aktar għoli milli kieku kien kompetittiv. Għahlekk kien lest li jneħħi l-monopolju, basta n-neguzjanti jassiguraw li qamħ iġibu dejjem u bi prezz moderat. Imma l-ebda neguzjant ma kien lest għal dan. Darba biss, fl-aħħar xhur tal-1815, kien ingħata kuntratt biex tinġieb kunsinna

ta' qamħ bi prezz iffissat — u hawn in-neguzjant kien għamel qliegħ esaġerat u l-gvern xejn ma swielu. Għalhekk Maitland kien iddeċieda li la l-gvern kellu jibqa' responsabbli biex il-poplu jkun fornut bl-ikel kontinwament u bi prezz moderat, il-gvern ukoll messu jibqa' jgawdi l-profitti li setgħu jinkisbu mill-monopolju.[19] Infatti Maitland stess stqarr f'Jannar, 1816, li mhux biss kien ser ikompli bil-monopolju, imma kien ukoll ħadu minn taħt idejn l-**Università** biex jikkontrollah direttament, għax ma kienx jafda l-Maltin:

> "I have in substance taken the whole of this concern [the corn monopoly] entirely out of the hands of the Maltese and placed it, in its principal parts, directly under government..."[20]

Fl-1818, imbagħad, Maitland illegalizza dawn il-miżuri billi qiegħed il-monopolju f'idejn dipartiment tal-gvern imsejjaħ il-'Board of Supply'.

Imma dal-monopolju tneħħa fi żmien qasir imħabba l-pressjoni tal-qagħda mwiegħra tal-kummerċ f'Malta. Maitland, li għalih l-aktar importanti kien il-bilanċ tal-budget tal-gvern, fl-1819 kien qajjem ħafna tgergir fost in-neguzjanti b'dazji ġodda fuq ix-xgħir u qmugħ oħra ta' kwalità inferjuri li ma kenux maħkuma mill-monopolju.[21] U mbagħad, kif ikkummenta Hankey, "came the Greek Revolution of 1821, which completed the destruction of the trade of Malta".[22]

In-neguzjanti Ingliżi, li kienu ilhom jipprotestaw għal xejn kontra l-miżuri skabrużi ta' Maitland, fl-1821 ifformulaw petizzjoni għall-Parlament Ingliż. Skond Mitrovich[23] din iffirmawha n-negozjanti Ingliżi u Maltin kollha, kif ukoll nies oħra Maltin ta' min jorbot fuqhom, imma l-istil tagħha huwa kollu Ingliż. Dawn talbu fost l-oħrajn it-tneħħija tal-monopolju għax qalu li

> "this Board [of Supply] is not only unnecessary, but, as now constituted [as a government department], hightly prejudicial to commerce, and destructive to the welfare of the Island."

Fil-fatt din il-petizzjoni ntbagħtet lis-Segretarju tal-Kolonji, Lord Bathurst, li ddiskutieha ma' Maitland billi dak ż-żmien kien Londra; u n-neguzjanti aċċettaw li jirtirawha bil-kundizzjoni li jittieħdu xi miżuri favur il-kummerċ.[24]

Maitland ħaddem rasu: l-ewwel ħabbar il-ħsieb tiegħu li jneħħi l-monopolju tal-qamħ (Government Minute, 22 September 1821) u xahrejn wara stieden suġġeriment dwar x'kellu jsir, bil-miktub jew bil-kelma, minn għand kull sezzjoni

ta' nies (Government Minute, 7 December). B'hekk ħeles mill-possibiltà ta' xi storbju kontra l-miżuri ġodda.

Intlaħaq kompromess bejn l-interessi fiskali tal-gvern u s-sigurtà dwar l-ikel għall-Maltin, ix-xewqat tan-neguzjanti, u dawk tal-produtturi tal-qamħ f'Malta. Dan ġie proklamat fl-24 ta' Jannar, 1822: il-kummerċ tal-qamħ kellu jkun miftuħ għal kulħadd minn Lulju 1822 'l quddiem.

Il-proklamazzjoni tidher li kienet studjata tajjeb biex tkun milquha mill-poplu. L-ewwelnett it-tneħħija tal-monopolju antik ġie ppreżentat bħala esperiment biss:

> "His Excellency the Governor having most maturely and deliberately considered the question how far the corn monopoly which has existed for centuries in these possessions should be done away with, and having called to his aid the opinions of all such persons in these islnads who thought themselves competent to give any opinion on the subject, he feels himself disposed, though with considerable doubt and difficulty on his part, to try the experiment of throwing open the commerce in this most important article of necessity. His Excellency does it with doubt and difficulty because he is convinced, generally speaking, that the wisest sysem of Government is to adhere to what has been practically ascertained to be beneficial to the people in lieu of setting up novel theoretical speculation."

Imbagħad Maitland semma x'benefiċċji kienu mistennija:

> "Anxious, however, ... to give a fair trail to what is thought may prove ultimately beneficial to these islands, and equally alive to the necessity of stretching any point at the present moment that even bears the appearance of increasing the commerce, or of giving employment to the lower classes of the people, he is pleased to proclaim..."

U fl-aħħarnett assigura lill-Maltin li l-Gvern kien se jkompli jipproteġihom minn xi nuqqas ta' qamħ jew prezzijiet esaġerati:

> "... It is not his intention that government should interfere... with the commerce in grain so long as the poorer classes of the inhabitants be supplied with bread at a fair and moderate rate. But as the Government must keep a stock in hand to prevent any scarcity, or any sudden, or excessive rise in the price of corn, and as it must continue its assistance in providing for the inhabitants should such scarcity or high prices be of any duration, he deems it necessary, with a viw to secure the interests of Government on the one hand, and to protect the agricultural interests of these island on the other, to adopt the following regulations and restrictions on this head..."

Maitland hekk stabilixxa taxxa fuq il-qamħ ta' madwar 25%.

Din baqgħet tgħakkes il-fqar Maltin sal-1939 u fiha storja interessanti ħafna. [25] Hawnhekk se naraw biss kif in-neguzjanti Ingliżi rnexxielhom jeqirdu l-ftit kontroll li l-proklamazzjoni ħalliet f'idejn il-gvern billi waqqfet 'Riserva Qamħ tal-Gvern' u tat il-gvern id-dritt li jipprojbixxi ir-re-esportazzjoni ta' qamħ minn Malta jekk l-ħażna tan-neguzjanti tkun inqas minn 15,000 salma.

### *Ir-Riserva Qamħ tal-Gvern:*

Ir-Riserva Qamħ tal-Gvern kellha tkun ta' madwar 30,000 salma li setgħu jaqdu l-bżonnijiet ta' Malta għal xi 5 xhur. L-ewwel ħtieġa tar-Riserva kienet biex Malta qatt ma jkun jonqosha qamħ għall-għarrieda. Dan il-periklu iktar kien jolqot il-Maltin meta kienu fi gwerra kontinwa kontra t-Torok. L-Ingliżi kellhom qawwa kbira fuq il-baħar ta' min jorbot fuqha. Imma ta' min isemmi li fil-kriżi internazzjonali tal-qamħ tal-1899, reġa' ssemma "the risk of not being able to buy at all" il-qamħ meħtieġ. [26]

Imma l-biża ta' skarsezza totali naqset u nfatti d-dritt tal-gvern li jwaqqaf ir-riesportazzjoni qatt ma ntuża. [22] Fl-1824, meta n-neguzjanti ma baqgħux jimportaw qamħ bħal qabel, l-Aġent tal-Qamħ tal-gvern qal li ma kien hemm.

> "no real cause of alarm in case of actual want for then shipments from various parts of the Mediterranean will be brought". [27]

Kellu raġun għalhekk is-Segretarju tal-Kolonji, Lord Glenelg, jgħid fl-1836 li f'Malta ma kienx hawn iktar riskju ta' skarsezza totali ta' qamħ:

> "when trade is daily expanding its multifarious channels... Malta, as a constituent portion of the British Empire, can have nothing to dread from sudden attack or overwhelming emergency." [28]

Imma r-Riserva Qamħ kella skop ieħor iktar importanti. Kien intenzjonat li l-gvern ma jħallix skarsezza artifiċjali li setgħu joħolqu n-neguzjanti, l-aktar billi jiftiehmu, biex imbagħad ibiegħu bl-għoli żżejjed. Skarsezza artifiċjali f'Malta setgħet tinħoloq faċilment l-aktar għax kien hemm ftit inċertezza dwar l-importazzjoni: fl-**Eġittu**, il-Pasha seta' jagħmel li jrid u ġie li għolla l-prezzijiet iżżejjed — u fil-fatt fl-aħħar tas-snin 1820 l-Eġizzjani kienu qed ikabbru l-qoton flok il-qamħ; **Sqallija** kienet qed timporta daqs kemm tesporta fis-seklu dsatax; u madwar il-**Baħar l-Iswed** fix-xitwa l-maltemp kien ifixkel il-kummerċ, u malajr seta' jinqala xi

nkwiet politiku li jwaqqaf il-kummerċ jew jgħolli l-prezzijiet. Għalhekk Calvert, l-Agent tal-Gvern, sostna li r-Reserva kien messa tikber għal bejn 50,000 jew 60,000 salma (forsi għax kellu kummissjoni ta' 1% fuq ix-xiri u l-bejgħ).[29]

Min-naħa l-oħra n-neguzjanti kienu mdejqa għax bil-bejgħ tal-qamħ tar-Riserva l-gvern seta' jikkontrolla l-prezzijiet u ma jagħtix ċans għall-ispekulazzjoni. F'ilmenti li bagħtu lill-Gvern, it-tliet kumpaniji Ingliżi ta' M. Fletcher, J. Hunter u J. Ranking, sostnew li fi żmien ta' paċi ma kienx hemm għalfejn il-gvern jindaħal fil-kummerċ tal-qamħ għax skond il-prinċipji tal-kummerċ ħieles,

"any combination of merchants can have no other permanent effect than to ensure a larger and cheaper supply."[30]

Hankey weġibhom li kienet propju "this very fluctation that would be insupportable to the population," u li l-gvern kien wiegħed li ma jħallix li tiġri.[31] Ponsonby wkoll qal li l-gvern kellu juża r-Riserva biex ma jħallix il-prezzijiet jogħew għal dak l-"unknown interval of time" qabel ma l-kompetizzjoni terġa' tniżżilhom għan-normal.[32]

Il-gvern kien iqis serjament il-possibiltà ta' ftehim bejn in-neguzjanti li setgħu jġibu l-gvern dahru mal-ħajt. Maitland kien ġa qies dan fl-1816.[18] U fl-1899, għad li kien hemm kompetizzjoni oħra bejn n-neguzjanti tal-qamħ u tad-dqiq, meta l-prezzijiet tal-qamħ kienu jogħlew, kemm n-neguzjanti tad-dqiq kif ukoll tat-tħin setgħu jagħmlu qliegħ esaġerat — "and they naturally do so without hesitation," irrapporta kumitat mwaqqaf t'apposta.[26]

Hankey irrefjuta l-argument tan-neguzjanti li l-pożizzjoni ta' Malta f'nofs il-linji tal-kummerċ ma kenitx tħalli ċans għal ftehim bejniethom. Kien hemm l-eżempju ċar tal-gżira ta' Corfù: meta Maitland neħħa l-monopolju tal-gvern fuq il-qamħ fl-1816, in-neguzjanti ftiehmu bejniethom u għollew il-prezzijiet tant li l-gvern kellu jerġa' joħloq il-monopolju. U din l-istorja irrepetiet ruħha fl-1833 taħt Lord Nugent.[33]

### *In-neguzjanti tal-qamħ u l-indħil tal-gvern fil-kummerċ fi żmien ir-Riserva — 1822-36:*

X'ġara fil-fatt meta tneħħa l-monopolju f'Lulju, 1822? Għal bidu n-neguzjanti ġabu qamħ biżżejjed biex jinqeda l-poplu, il-prezzijiet mal-Mediterran kienu baxxi, u l-gvern

ma ndaħalx fil-kummerċ.[27] Imma fil-ħarifa ta' l-1824, minflok żiedu l-ħażna tagħhom għax-xitwa kif kien mistenni, in-neguzjanti kienu baqgħalhom biss 1,000 salma li kienet isservi għal ġimgħa.[34] Ir-raġuni ta' dan mhix ċara.

Il-gvern kellu bilfors jaqdi lill-poplu mir-Riserva tiegħu u jixtri l-qamħ mill-ġdid biex dejjem jibqgħalu Riserva tajba.[34] Billi l-ebda neguzjant ma ha l-offerta għall-importazzjoni li ħareġ il-gvern f'Ottubru, 1824, dan irnexxielu jixtri 20,000 salma direttament mill-Eġittu u Sqallija eżatt qabel ma l-prezzijiet irduppjaw.[35] Kieku m'għamilx hekk il-Gvern kien jidħol fi spejjeż akbar. Bil-prezzijiet telgħin u r-Riserva bi prezz baxx li kellu l-Gvern, in-neguzjanti ma ġabux iżjed qamħ fl-1825 u hekk il-gvern qisu reġa' ħa l-monopolju tal-qamħ kif ilmentaw in-neguzjanti Ingliżi.[36]

Ma tistax toqgħod tagħti t-tort lin-neguzjanti jew lill-gvern. Biss in-neguzjanti Ingliżi donnhom riedu jsibu f'hiex jaqbdu biex jeħilsu mir-Riserva tal-gvern ħalli jkunu jistgħu jispekulaw u jagħmlu qliegħ kbir. Infatti G. Ward, is-Supretendent tar-Riserva, innota li, għad li n-neguzjanti barranin kellhom iħallsu 1s. 8d. iżjed dazju fuq kull salma minn dak li kienu jħallsu l-Ingliżi (xi 10s.), u għad li dawn kienu jingħataw tant attenzjoni mill-gvern, in-neguzjanti Ingliżi kienu importaw biss 4,886 salma matul is-sena 1825, fil-waqt li l-barranin ġabu 3,000 iżjed minn hekk.[37]

Billi raw li kien diffiċli li jeqerdu għal kollox ir-Riserva tal-gvern, fl-1825 in-neguzjanti talbu li l-gvern ma jibqax jixtri u jbiegħ il-qamħ f'kompetizzjoni magħhom. Minflok il-gvern kellu jixtri l-qamħ għar-Riserva ta' mhux iktar minn 35,000 salma (daqs konsum għal sitt xhur) bl-offerta, u mbagħad ibiegħu biss meta jkun se jitħassar jew meta l-prezz tal-qamħ jogħla aktar minn 40 skud (66s.) is-salma.[36]

Is-Segretarju tal-Kolonji għalhekk ordna lill-gvern ta' Malta biex fil-waqt li jieħu ħsieb l-interessi ta' l-amministrazzjoni, jara wkoll li r-Riserva Qamħ tiegħu tkun amministrata b'mod li kemm jista' jkun ma tfixkilx il-kummerċ tan-neguzjanti.[22]

Imma billi l-gvern ħassu fil-bżonn li jkompli jbiegħ u jixtri ftit jew wisq għal rasu, in-neguzjanti rnexxielhom jipperswadu lil Kummissarji ta' l-1830 (li għamlu rapport dwar il-finanzi tal-gvern mingħajr ma ġew hawn Malta), li l-gvern ma messux jibqa' "acting as a merchant" fl-amministrazzjoni tar-Riserva tal-Qamħ.[38] Din id-darba l-Uffiċċju tal-Kolonji

ordna lil Ponsonby biex ma jixtrix iżjed qamħ permezz ta' aġenti tal-gvern barra minn Malta.[39]

Biex inkunu nafu sew kemm kien jindaħal il-gvern fil-kummerċ tal-qamħ, tajjeb inħarsu lejn Tabella 2, li tkopri ż-żmien kollu meta s-sistema tar-Riserva kienet qed taħdem — bejn l-1825 u l-1836 (meta ddeċidew li din tispiċċa). Hawn għandna l-ammont ta' **qamħ importat kull sena min-neguzjanti u mill-gvern,** l-ammont li dan xtara minn għand in-neguzjanti u l-ammont li dawn **it-tnejn** u l-**biedja Maltija** kienu ta' kull sena jbiegħu għall-**konsum** tal-Maltin. Fit-tabella għandna wkoll il-livell tal-prezzijiet tal-qamħ bl-ingross f'Malta mingħajr id-dazju (C.I.F.) għax dawn kienu influwenzati mill-eżistenza u x-xiri u l-bejgħ tar-Riserva tal-gvern.

Mit-tabella jidher li minn total ta' 722,488 salma ta' qamħ barrani kunsmat f'Malta bejn l-1825 u l-1836, kwart minnhom (180,694 salma) kienu fornuti mir-Riserva tal-gvern. Billi 83,507 salma minn dawn il-gvern kien xtrahom mingħand in-neguzjanti f'Malta, il-gvern kien importa biss 13% tat-total ta' qamħ barrani. B'kuntrast ma' dan, fl-aħħar 7½ snin tal-monopolju (1815-June 1822) il-gvern kien importa xi 83% tal-qamħ li tqiegħed fil-fosos u xtart biss 16% minn għand in-neguzjanti.[41]

Jidher ċar ukoll kif bejn l-1825 u l-1830 il-gvern indaħal sewwa fil-kummerċ għax il-bejgħ ta' qamħ mir-Riserva — li kienet il-biċċa l-kbira mixtrija direttament minn barra — kien jammonta għal 31% tal-qamħ barrani kunsmat f'Malta. Imma wara l-1830, imħabba l-insistenza minn Londra kif semmejna, il-gvern kien ifornі inqas minn 20% — u ħafna minn dan kienu importawh in-neguzjati.

Diffiċli tifhem għala in-neguzjanti ma kinux iġibu kwantità ikbar ta' qamħ. Tassew li l-eżistenza ta' Riserva kbira tal-gvern li kienet intenzjonata li żżomm il-prezzijiet baxxi ma kenitx tħalli lok għall-ispekulazzjoni. Infatti r-Riserva massima ta' l-1829 ġabet magħha wkoll bejgħ massimu annwali li qatt għamel il-gvern minnha. U l-istess meta r-riserva tal-gvern kienet waslet biex tinbiegħ fl-1824 qabel il-qamħ jitħassar, in-neguzjanti ma baqgħux jimportaw bħal qabel. Imma kif tispjega l-fatt li fl-1826 ebda neguzjant ma ħa l-offerta biex ifornі qamħ għan-**navy**, meta ngħataw erba' xhur żmien għal offerta u tmien xhur oħra biex jinġieb il-qamħ?[42]

In-neguzjanti Ingliżi donnhom kienu determinati li jaraw

## Tabella 2

## MIN KIEN IFORNI L-QAMĦ GĦALL-MALTIN BEJN L-1825 U L-1836 [40]

### (Bis-salma = mal-470 libbra)

| Data | Importazzjoni | | | | Prezz salma qamħ, C.I.F. Malta (c) | Konsum | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Min-N. għall-konsum lokali. (a) | Min-N. għall-G. (b) | Mill-G. għar-Riserva (b) | Total | | Bejgħ mill-G. (d) | Bejgħ min-N. (a) | Mill-ħsad lokali (e) | Total |
| | | | | | s. d. | | | | |
| 1825 | 37,626 | 8,516 | 23,007 | 69,149 | 28- $8\frac{1}{2}$ | 37,626 | 22,228 | mhux | — |
| 1826 | 44,586 | — | 8,949 | 53,535 | 28- $2\frac{3}{4}$ | 44,586 | 16,057 | magħruf | — |
| 1827 | 51,261 | 5,777 | 18,661 | 75,699 | 30- 4 | 51,261 | 16,496 | | — |
| 1828 | 32,871 | 21,316 | 10,652 | 64,839 | 36- $1\frac{3}{4}$ | 32,871 | 16,876 | 25,977 | 75,977 |
| 1829 | 31,667 | 776 | — | 32,443 | 35-$10\frac{1}{4}$ | 31,667 | 23,293 | 22,206 | 77,166 |
| 1830 | 34,248 | 8,685 | — | 42,933 | 29- $2\frac{1}{2}$ | 34,248 | 15,657 | 23,317 | 73,222 |
| 1831 | 48,597 | 13,572 | — | 62,169 | 32- $5\frac{3}{4}$ | 48,597 | 16,863 | 10,857 | 78,317 |
| 1832 | 45,935 | 6,844 | — | 62,779 | 32- 3 | 45,935 | 7,676 | 18,827 | 72,438 |
| 1833 | 44,354 | 9,311 | — | 53,665 | 29- $1\frac{3}{4}$ | 44,354 | 15,237 | 13,880 | 73,471 |
| 1834 | 43,096 | 481 | 20,187 | 63,764 | 29-$10\frac{1}{4}$ | 43,096 | 12,114 | 23,884 | 78,094 |
| 1835 | 48,188 | 5,215 | 7,000 | 60,403 | 30- $9\frac{3}{4}$ | 48,188 | 8,710 | 20,404 | 79,302 |
| 1836 | 51,786 | 3,014 | — | 54,800 | 27- $1\frac{3}{4}$ | 51,786 | 8,500 | 21,088 | 81,374 |

**Ir-Riserva Qamħ tal-Gvern,** fit-tmiem ta' kull 3 xhur, kienet tammonta għall-medja ta' 27,955 salma; kellha massimu ta' 51,098 salma fl-1828, u minimu ta' 9,506 salma fl-1833.

**Tifsir:** N. = Neguzjanti; G. = Gvern; C.I.F. = Cash-Insurance-Freight.

is-sistema tfalli biex ma titkompliex. Dan jidher mill-fatt li meta rnexxielhom jiksbu t-tneħħija tar-Riserva tal-gvern fl-1837, kif se naraw, riedu konferma uffiċċjali biex donnu jidħlu b'ruħhom u ġisimhom f'dan-negozju.

Min-naħa tal-gvern ma jidhirx li kien hemm indħil bla bżonn fil-kummerċ. Hastings u Ponsonby, it-tnejn favur il-kummerċ ħieles fil-prinċipju u taħt pressjoni minn Londra, għamlu li setgħu biex ma jfixklux in-neguzjanti. Fl-aħħar mill-aħħar it-tnejn kienu jqisu li l-espansjoni tal-kummerċ kien wieħed mill-mezzi biex jinstab ix-xogħol għall-eluf ta' Maltin qiegħda.[43] Kemm Hastings fl-1825 kif ukoll Ponsonby fl-1827,[42] tilfu opportunitajiet ta' profitt għad-dipartiment tar-Riserva Qamħ billi ma xtrawx jew biegħu fi żmien ta' qliegħ biex ma jfixklux lin-neguzjanti. U wara l-1830 infatti, biex igawdu n-neguzjanti, ir-Riserva saret piż finanzjarju għall-gvern.[45]

Sadattant, fil-waqt li għamlet possibbli ftit jew wisq il-ħelsien tal-kummerċ tal-qamħ, is-sistema ta' Riserva kienet ħarset lill-poplu minn tibdil kbir fil-prezzijiet. Fil-bidu ta' l-1831, ngħidu aħna, billi l-prezzijiet fl-Ingilterra għolew ħafna, in-neguzjanti bagħtu l-qamħ tagħhom kollu 'l hemm, u kieku mhux għax kien hawn ir-Riserva, il-Maltin kien ikollom iħallsu prezz għoli wisq għall-ħobż ta' kuljum.[32]

### *Il-kontroll fuq il-qamħ importat jispiċċa għal kollox fl-1837:*

Il-mod kif tneħħa l-ftit kontroll li kien baqagħlu l-gvern fuq in-neguzjanti tal-qamħ huwa interessanti ferm għax jik-xef il-verità: il-kontroll tneħħa għal 'ftit' neguzjanti kontra r-rieda tal-Maltin u tal-amministrazzjoni Ingliża f'Malta.

Meta l-Kummissarji tal-1830, minn Londra qalu li l-gvern ma messux ikompli jindaħal fil-kummerċ tal-qamħ, Ponsonby u l-uffiċjali tiegħu ħaduha magħhom qattgħa bla ħabel. Hankey infatti tela' Londra biex jiddiskuti sewwa dan is-suġġett — 'the most important branch of the administration'.[46] Kif wera l-awditur Thornton, ma kienx veru dak li qalu l-Kummissarji li r-Riserva kienet qed tinżamm bit-telf.[47] Is-suġġeriment tagħhom li jekk kien hemm bżonn ta' Riserva,

> "this can be most conveniently and fitly done by directing the Commissariat to make the purchase in the usual manner

[bl-offerta]",
kien bla bażi għax bħas-sistema eżistenti, b'hekk ukoll seta' jsir it-telf u kien ikollu jitkompla l-indħil fil-kummerċ biex jinbiegħ il-qamħ qabel jeħżien.[22]

L-iktar difiża tal-kontroll li mpressjonat lil Goderich, is-Segretarju tal-Kolonji, kienet it-theddida ta' Ponsonby u Hankey li seta' jinqala' l-inkwiet fost il-Maltin għax,

"if the government should remain without such a stock and the prices of grain rule at a high rate for any considerable time, two alternatives would in that case present themselves ... either that the government would be suddenly called on to feed the People at a ruinous expense, or be content to see that People driven to insurrection ... for the Maltese, though a much enduring and patient race, are aware to a man of the pledge that exists ... and when pressed by famine would go to all lengths to exact fulfilment."[22]

Infatti Goderich kiteb lit-Teżor Ingliż li s-sistema ta' Riserva kella tibqa' għax

"there is no calamity which the people of Malta would view with greater dread than the suspension of the control of government over that important branch of their internal economy."[48]

Għalhekk fil-waqt li wissa lil Ponsonby ma jfixkilx lin-neguzjanti billi jixtri l-qamħ minn għandhom, l-affarijiet baqgħu bħal qabel.

Numru ta' Maltin attivi fil-pulitka fl-1832 u fl-1836 bagħtu żewġ petizzjonijiet lill-Parlament Ingliż għal riformi fil-gvern ta' Malta u fost l-oħrajn talbu t-tnaqqis tad-dazju fuq il-qamħ u biex jingħataw sehem fit-tmexxija tad-Dipartiment tal-Qamħ li minnu kien ilhom imċaħħda sa mill-1815.[49]

Fuq dawn it-talbiet ikkummenta Peter Smith, awtorità dwar Malta fl-Uffiċju tal-Kolonji. Huwa qal li dak li talbu l-Maltin kien "perfectly intelligible and fair", u sostna li kienu jagħmlu

"a singular contrast to the object [li allura ma kienx ġust] which the few British merchants engaged in trade with Malta have during the last twenty years never ceased to press upon the consideration of Government: namely... the absolute cessation of all interference on the part of Government with the supply of [corn to] the Island."[50]

Imma dak li riedu "the few British merchants" sar fil-fatt.

Meta fl-1836, kienu ġejjin Austin u Lewis bħala Kummissarji biex jstudjaw il-problemi ta' Malta, Lord Glenelg,

is-segretarju tal-Kolonji, fuq talba tan-neguzjanti, qalilhom jirrapurtaw ukoll dwar il-kwistjoni tar-Riserva tal-Qamħ u s-'sliding scale' tad-dazju.[51] In-neguzjanti Ingliżi malajr ippubblikaw din l-informzazjoni f'Malta. U l-mexxejja Maltin ipprotestaw kontra t-tneħħija tal-kontroll tal-gvern mill-kummerċ tal-qamħ għax l-interessi tagħhom kienu se ibatu biex igawdu n-neguzjanti.[52]

Imma kif jidher mir-rapport tagħhom, Austin u Lewis kienu favur ħafna l-kummerċ ħieles.

Infatti, fuq parir tagħhom, it-tneħħija tar-Riserva tpoġġiet quddiem il-Kunsill tal-Gvern, li kien twaqqaf fl-1835 b'7 membri (4 minnhom uffiċjali) u li ma kellu ebda saħħa leġislattiva, fis-26 t'Awissu, 1836. Mit-tliet membri mhux uffiċjali — il Baruni de Piro, is-sur Agostino Portelli u s-sur Aspinall li kienu jirrappreżentaw lil propjetari tal-art, u lin-neguzjanti Maltn u dawk Ingliżi ħadd ma aċċetta li titneħħa r-Riserva għad li kollha, bħala produtturi jew neguzjanti tal-qamħ, kien jaqblilhom personalment. Portelli ssuġġerixxa li r-Riserva tkun f'idejn bord independenti mill-Gvern; l-oħrajn talbu ż-żmien biex jaħsbu u l-laqgħa aġġornat.[53] L-Acting Governor, il-Kurunell Evans, min kif irrapporta dan kollu, jidher li anqas hu ma ried jeqred il-kontroll tal-gvern.

Imma Glenelg baqa' deċiż favur in-neguzjanti u fis-7 ta' Novembru, 1836, ordna l-ħruġ ta' avviż li l-gvern ma kienx se jixtri iżjed qamħ.[54] Sadattant f'Ottubru kien laħaq Gvernatur ġdid, Sir H. Bouverie (1837-43) li milli jidher kien iktar lest jogħġob ix-xewqat ta' Londra bla ma jagħti każ wisq tal-Maltin. Dan malajr laqqa' l-Kunsill dwar l-ordni ta' Glenelg u kif irraporta hu stess:

> "the Council at once saw that the steps to be taken appertained to the executive authority and therefore expressed their wish to leave entirely to me the adoption of these executive measures necessary to give full effect to the orders of His Majesty's Government."[55]

Jiġifieri l-Kunsill ma riedx ikollu x'jaqsam, u kien ikun kollu ta' xejn. Tassew kif gergru l-Maltin li l-Kunsill

> "cannot in any way contribute to the relief of the deplorable state of the Island."[49]

L-avviż li temm iż-żamma tar-Riserva deher fil-**Gazetta tal-Gver** ntal-11 ta' Jannar, 1837.

Jidher li Glenelg kien servili għall-interessi tan-neguzjanti Ingliżi f'did-deċiżjoni mill-ittra li bagħat fil-15 ta' Jan-

nar, 1837 fejn ordna li d-deċiżjoni li titneħħa r-Riserva tiġi ppublikata fil-**Gazzetta tal-Gvern** — kif fil-fatt ġa kien sar —

"for the assurance of the merchants who are still in doubt."[56]

## *Ħobż il-Maltin mingħajr ħarsien mill-Gvern:*

Ftit wara li nbiegħ il-qamħ li ,kien baqa' tar-Riserva f'Novembru 1838, kien hawn skarsezza internazzjonali tal-qamħ u n-neguzjanti f'Malta ħallew 5,000 salma biss (li kienet isservi għal 20 jum). Imma wieħed jinnota r-rejazzjoni differenti tal-Gvernatur il-ġdid. Fil-waqt li stqarr li din kienet sitwazzjoni "of great anxiety", Bouverie m'għamel xejn ħlief ittama li xi tagħbijiet qamħ li kienu ġejjin mill-Baħar l-Iswed jinbiegħu Malta fejn il-prezzijiet kenu għolew bħal f'postijiet oħra:

"It is not my intention to lay an embargo upon corn in port unless the stock shall be reduced to within a few days consumption being fully aware of the impolicy of interfering with the trade."[57]

Xahar wara Bouverie qies il-possibiltà li jbaxxi d-dazju jekk il-prezzijiet jogħlew iżjed; imma, għaddli fis-sitwazzjoni l-uniku rimedju li ra kien li l-gvern jerġa' jieħu l-monopolju tal-qamħ, xorta sostna li, la dan kien spiċċa sittax-il sena qabel,

"It is better to leave the trade to itself than to interfere with it by any measure of inadequate efficiency."[58]

Sadattant għall-Maltin dan kien ifisser miżerja akbar għax il-prezzijiet għolew daqs ta' l-Ingilterra, Leghorn u Genoa.[57] Ma kienx argument li dawn kienu prezzijiet kompetittivi, għax il-pagi f'Malta jidher li kienu baxxi ħdejn postijiet oħra: J. Davy fl-1842 osserva li l-pagi fil-Ionian Islands "are rather more than twice as high as in Malta".[59] Jekk fl-1836 ġa kien hemm xi nies li mietu bil-ġuħ, nistgħu nimmaġinaw x'għaks inħoloq meta għolew il-prezzijiet tal-Ħobż, għax dan mhux biss kien jinħass direttament minn dawk li ma kellhomx biex jixtru loqma, imma anki dawk li kienu jaqilgħu xi ħaġa, ma kienx possibli għalihom li jagħtu karità lill-eluf ta' tallaba li kien hawn Malta f'dak iż-żmien.[60]

Imma l-Uffiċju ta' Londra kienu mitlufa fi kwestjonijiet ta' prinċipju. Meta Bouverie kien kiteb dwar il-qagħda anzjuża ta' Malta f'Novembru, 1838, Glenelg kien issuġġerixxa s-soluzzjoni tal-Kummissarji tal-1830 li l-Kummissarjat tas-

Servizzi Ingliżi f'Malta jżomm Riserva hu: dan issa ntbagħat lit-Teżor Ingliż. Imma t-Teżor wieġeb li dan kien imur kontra l-prinċipju tal-kummerċ ħieles li fuqu (jew imħabba l-interessi?) kien tneħħa l-kontroll ta' qabel:

"if a reserve stock is held by the Commissariat in the event of a temporary short supply and enhancement of the price, the whole principle of those arrangements would be subverted." [61]

U tassew: kieku l-gvern indaħal b'xi mod kienu jerġgħu jinqalgħu l-istess problemi ta' qabel man-neguzjanti.

It-Teżor ta biss il-permess lill-Gvernatur li f'każ ta' emerġenza li ma jkunx hemm qamħ Malta, dan seta' juża terz tar-Riserva tal-Kummissarjat (xi 200 salma li sservi għal jumejn għall-poplu) — u anke din kella tinbiegħ bi prezzijiet kompetittivi. [62]

Dan il-każ ma ġarax għax il-Maltin qagħdu għal prezzijiet kompetittivi u n-neguzjanti allura ġabu l-qamħ Malta. [63]

Imma dan juri kif 'ftit' neguzjanti Ingliżi kellhom aktar setgħa fit-tmexxija ta' Malta mill-Maltin kollha f'daqqa. Infatti meta nħoloq bżonn ta' difiża imperjali fl-1840, imħabba l-inkwiet politiku fil-Baħar l-Iswed, it-Teżor kellu jaċċetta li f'Malta tinżamm Riserva spejjeż tal-Gvern Ċivili — għad li f'dal każ ukoll Bouverie qagħad attent li ma jurtax in-neguzjanti. [64]

Billi l-Gvern ma mpurtaħx mill-qagħda ta' Malta, xi Maltin ippruvaw isolvu l-problema minn jeddhom. Ħasbu biex iwaqqfu speċi ta' koperattiva fuq l-istil ta' l-**Università** li qabel kienet tmexxi l-monopolju.

Il-prospett ta' dil-koperattiva imsejħa **"Società Nazionale dei Grani"** kien ippubblikat għall-inqas darbtejn: jeżistu kopji ta' l-1839 minn F. Naudi & Co., u oħra minn G.B. Mompalao & Co. fl-1840. Kien prospettat li l-kumpanija takkwista l-kapital minn fost il-Maltin b'imgħax ta' 4%

Imma ma jidhirx li dan twaqqfet. A. Portelli, li kif rajna kien rappreżentant tan-neguzjanti Maltin fil-Kunsill tal-Gvern, għad li kien jaqbel ma' l-ideja, kiteb lill-Baruni V. Azzopardi, li kien meqjus bħala l-awtur tal-prospett, li kien se jidħol f'riskju kbir għax l-koperattiva ma setgħetx tirnexxi. Portelli deherlu li, minn meta l-gvern ma baqax jindaħal fil-kummerċ, in-neguzjanti tal-qamħ kienu armaw b'vapuri kbar tagħhom u kellhom kapitali kbar li magħhom ma setgħetx tikkompeti koperattiva. [65] Barra li Portelli kellu ten-

denza jaqbel mal-gvern ma nafux x'interessi oħra seta' kellu f'dil-biċċa.

U l-poplu Malti kellu bħal ħmar ibati l-konsegwenzi, għax kien "a much enduring and patient race" iktar milli ħaseb Hankey. Meta ftit snin wara, bejn l-1845 u l-1847 il-prezzijiet tal-qamħ għolew b'xi 30% imħabba n-nixfa kbira li ħakmet lil Malta u l-bżonn ta' iktar ħluq ma' l-Ewropa għall-qamħ tal-Mediterran, il-Maltin sofrew immensament min-nuqqas ta' ikel. L-Ingilterra, li f'dak iż-żmien kienet qed tixtri l-qamħ għall-Irlanda (fejn ukoll mietu ħafna nies bil-ġuħ), lill-Gvernatur P. Stuart ma ħallitux jixtri l-qamħ għall-Maltin għax "such an indefensibe departure from general [free-trade] principle" ma setgħetx issir qabel ma l-gvern ikun inkuraġġixxa "the exertions of private traders" billi jissuspendi d-dazju fuq il-qamħ. Stuart, min-naħa tiegħu, ma riedx jagħmel dan għax beża' jħalli barra dħul tant importanti għall-kaxxa tal-gvern — xi 38% tat-total tal-budget.[66] U l-poplu żugraga fin-nofs!

Kien biss meta l-prezzijiet esaġerati tal-ħobż ħabtu ma taqlib politkiu ieħor fl-1919, li l-poplu rvella.[67] Sadattant il-poplu mill-1822 sa l-1939 baqa' dejjem iħallas taxxa lill-gvern u profit lin-neguzjanti. U n-neguzjanti jerġa' kienu jgħollu l-qamħ iżżejjed meta jistgħu kif innota Rowsell fl-1877.[68].

Tassew li l-Kummerċ ta' Malta għax kien ħieles seta' iktar jespandi għal xi żmien.[69] Imma ma kenitx instabet is-soluzzjoni mixtieqa kif tforni l-poplu Malti bil-qamħ meħtieġ bi prezzijiet moderati u ftit jew wisq stabbli mingħajr indħil fil-kummerċ min-naħa tal-gvern. Taħt pressjoni ta' ftit neguzjanti, l-Uffiċju Kolonjali kien qies biss l-interessi tagħhom u warrab għall-ġenb ir-responsabiltà li ma jħallix il-poplu batut jaqa' fil-miżerja.

**REFERENZI**

1 Ara A. Mifsud, "L'approvigionamento e l'Università di Malta nelle passate Dominazioni," **Archivum Melitense**, Vol. III, No. 5, pp. 175-191.

2 Ara P. Muscat, "Aspects of Municipal Government in Malta," Teżi tal-B.A.(Hons.) 1975, pp. 8-9.

3 Ara [Public ecords Office, London], C[olonial] O[ffice], 163/33: Accounts of the Università of Valletta 1800-14, Rapport ta' l-awditur W.H. Thornton, 12 July 1816.

4 Ara Lord Hobart to Cameron (First Civil Comm.), Instructions, 14 May 1801, publikati minn W. Hardman, **A History of Malta during the French and British Occupations** (London, 1909), p. 354.
5 Ara [Royal Malta Library] Desp[atches] 5, p. 49: "Report on the Meta," 17 Jan. 1828, iffirmat minn S. Bathurst.
6 Desp. 1, p. 222: Maitland to Bathurst, 31 Aug. 1814.
7 Dwar dan il-konflitt bejn l-opinjoni Maltija u Ingliża ara C. Price, **Malta and the Maltese** (Melbourne, 1954), pp.2-3, 22-26.
8 V[alletta] P[alace] R[ecords], Desp. 33: Treasury to C.O., 12 Dec. 1838.
9 Ara C.O. 163/37, pp. 139-40: "Remarks on the Maltese Petition for the redress of grievances, 1836," minn Peter Smith, segretarju għall-affarijiet dwar Malta fil-C.O.
10 Ara Price, **op. cit.**, p. 3; R[oyal] Comm[ission], 1812, p. 178. u nota **Nu. 3.**
11 Ara Desp. 14, p. 159: Statement ta' G. Ward, 1 Jan 1836.
12 Ara B. Blouet, **The Story of Malta.** (London, 1972) pp. 143-6.
13 Ara Desp. 1. p. 229: Maitland to R. Liston (f'Konstantinopli) 17 Aug. 1814; u Desp. 4, p. 340: Calvert to Hankey, 3 Nov. 1824.
14 Ara **l-M[alta] G[overnment] G[azzette],** No. 1426, 4 Apr. 1848, p. 127.
15 Govt. Minute, 7 Feb. 1820.
16 Ara R. Comm. 1812, p. 165; Desp. 1, p. 528: Maitland to Bathurst, 11 Jan. 1816.
17 R. Comm. 1812, pp. 165, 167, 178.
18 Desp. 1, p. 528: Maitland to Bathurst, 11 Jan. 1816.
19 **Ibid.**, pp. 528-9.
20 **Ibid.**, p. 530.
21 Ara l-Proklami ta' l-1 Mar., 12 Aw., u 5 Nov. 1819.
22 Ara C.O. 158/68: Hankey to Hay, London 4 Mar. 1831, u żewġ rapporti mehmuża.
23 G. Mitrovich, **The Cause of the People of Malta** (London, 1836), pp. 31-7. Aktarx li l-ideja ġiet minn petizzjoni li n-negozjanti ta' Londra kienu għamlu fl-1820 lill-Parlament Ingliż biex dan japplika l-prinċipji tal-kummerċ ħieles: ara D. Thomson, **Europe since Napoleon** (1966 rev. ed., Gt. Britain), p. 162.
24 Ara Mitrovich, **op. cit.**, p. 30.
25 Ara P. Bartolo, "British Colonial Fiscal Policy in Malta, 1812-38," Teżi tal-B.A. (Hons), R.U.M., 1973.
26 Ara **Report of the Committee on the Wheat and Flour Trade** (Malta, 1899).
27 Desp. 4, p. 339: Calvert to Hankey, 3 Nov. 1824.
28 Ara V.P.R., Desp. 29: Glenelg to Evans, 26 July 1836.
29 Ara Desp. 4, pp. 336-40: Calvert to Hankey, 3 Nov. 1824 u 28 Apr. 1827; u Desp. 2, p. 215 J.N. Laudep (neguzjant) to Hastings, London, 30 Nov. 1825.
30 Ara Desp. 2, p. 158: Kopja ta' l-ittra tan-neguzjanti lil W. Horton, London 16 Apr. 1825.
31 **Ibid:** Ara l-Kummenti ta' Hankey ma' ġenb dak li qalu n-neguzjanti.
32 Desp. 8, p. 112: Ponsonby to Goderich, 30 May 1831.
33 Desp. 14, p. 154: Report ta' Hankey, 26 Jan. 1836.
34 Desp. 4, p. 339: Hankey to Bathurst, 15 Mar. 1827.
35 Desp. 2, p. 124: Power to Bathurst, 15 June 1825.
36 **Ibid.**, p. 156: ara nota Nu. 30.
37 Desp. 3, pp. 17-18: Ward to Hankey, 26 Dec. 1825.
38 **Comm of Colonial Inquiry, 1830** (London, 1830), p. 10.
39 V.P.R., Desp. 24: Goderich to Ponsonby, 1 May 1831.

40 Miġbura hekk: (a) u (c) minn R. Comm. (1836-38), Part I, pp. 38-40; (b) u (d) minn Desp. 7, p. 186: Ward to Hankey, 22 Dec. 1835 u Thornton, **The Auditor's Report, 8 Nov. 1838** (Malta), App. A; (e) mill-**M.G.G.,** No. 1426, 4 Apr. 1838, p. 127: il-figuri jinkludu terz mill-maħlut.
41 **R. Comm. 1836-38,** Part I, p. 36.
42 Ara Desp. 4, p. 209: Ponsonby to Hay, 23 May 1827.
43 Ara W.H. Thornton, **Memoir on the Finances of Malta** (Malta 1836), pp. 66-7.
44 Desp. 3, p. 11: Hankey to Hay, 10 Jan. 1826.
45 Thornton, **The Auditors Report,** 8 Nov. 1838, p. 5.
46 Desp. 8, p. 35: Ponsonby to Goderich, 1 Feb. 1831.
47 Ara Thornton, **The Auditor's Report,** pp. 6-8.
48 V.P.R., Desp. 25: Kopja ta' l-ittra tal-C.O. lit-Teżor, 25 Oct. 1831.
49 Ara l-petizzjoni ta' l-1836 f'Mitrovich, **op. cit.,** p. 65
50 C.O. 163/37, pp. 139, 140: "Remarks—" minn P. Smith.
51 C.O. 158/91: G. Grey (għal Glenelg) lil Ewart (M.P. ta' Liverpool li kien wassal it-talbiet ta' Kumitat tan-Neguzjanti), 2 July 1836.
52 **Ibid.,** Evans (acting Governor) to Glenelg, confidental, 23 Aug. 1836.
53 Desp. 15, pp. 176-7: Evans to Glenelg, 29 Aug. 1836.
54 V.P.R., Desp. 29: Glenelg to Bouverie, 7 Nov. 1836.
55 Desp. 16, p. 20: Bouverie to Glenelg, 4 Jan. 1837.
56 V.P.R. Desp. 30: Glenelg to Bouverie, 15 Jan. 1837.
57 Desp. 17, pp. 484-5: Bouverie to Glenelg, 15 Nov. 1838.
58 Desp. 17, p. 567 u Desp. 18, u. 17: Bouverie to Glenelg, 24 Dec. 1838, u 7 Jan. 1839.
59 J. Davy, **The Ionan Islands and Malta** (London 1842), I, p. 421.
60 C.O. 158/115: Report on the Poor in Malta.
61 V.P.R., Desp. 33: Treasury to C.O., 12 Dec. 1838.
62 Desp. 18, p. 18: Bouverie to Glenelg, 7 Jan. 1839.
63 Desp. 17, p. 540: Bouverie to Glenelg, 29 Nov. 1838.
64 Ara V.P.R., Desp. 36: Stephen (for C.O.) to Trevelyan (for Treasury), 10 Sept. 1840; Treasury to Commiss General (Malta), 12 Sept. 1840; u Desp. 19, pp. 316-7: Bouverie to Russell, 15 Oct. 1840.
65 Ara kopja ta' l-ittra ta' Portelli lill-Baruni Azzopardi f'R.M.L., Ms 263.
66 Ara C. Price, **op. cit.,** pp. 106, 213.
67 Ara **Commission of Enquiry into the Events of the 7th and 8th June, 1919** (Malta 1919), Part VI; u H. Frendo, **Ir-Rivoluzzjoni Maltija tal-1919** (Malta, 1970), pp. 19-24.
68 Ara **Mr. Rowsell's Report, Parliamentary Papers, c-2032** (London 1878), p. 13.
69 Ara J. Mifsud, "The Maritime Trade of Malta, 1800-1900 Tesi tal-B.A. (Hons.), R.U.M., 1973, pp. 117-8.